



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

17 ta' Lulju 2014\*

“Politika soċjali — Artikolu 141 KE — Ugwaljanza tar-remunerazzjonijiet bejn ħaddiema nisa u ħaddiema rġiel — Irtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni — Akkreditazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-pensjoni — Vantaġġi li minnhom jibbenefikaw essenzjalment l-uffiċjali nisa — Diskriminazzjonijiet indiretti — Ġustifikazzjoni oġġettiva — Rieda reali li jintlaħaq l-għan allegat — Koerenza fl-implementazzjoni — Artikolu 141(4) KE — Miżuri intenzi li jikkumpensaw għal żvantaġġi fil-karriera professjonali tal-ħaddiema nisa — Inapplicabbiltà”

Fil-Kawża C-173/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-cour administrative d'appel de Lyon (Franza), permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' April 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' April 2013, fil-proċedura

**Maurice Leone,**

**Blandine Leone**

vs

**Garde des Sceaux, ministre de la Justice,**

**Caisse nationale de retraite des agents des collectivités locales,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tal-Awla, M. Safjan u J. Malenovský, A. Prechal (Relatur) u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Jääskinen,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal M. u B. Leone, minn B. Madignier, avukat,
- għall-Caisse nationale de retraite des agents des collectivités locales, minn J.-M. Bacquer, bħala aġent,
- għall-Gvern Franċiż, minn M. Hours kif ukoll minn G. de Bergues u S. Menez, bħala aġenti,

\* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Martin, bħala aġent,  
wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-27 ta' Frar 2014,  
tagħti l-preżenti

### Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 157 TFUE.
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn M. u B. Leone u l-Garde des Sceaux, ministre de la Justice, u l-Caisse nationale de retraite des agents des collectivités locales (iktar 'il quddiem iċ-“CNRACL”) dwar talba għad-danni, mill-Istat Franċiż, għall-ħsara li sostnew il-persuni kkonċernati bħala konsegwenza tar-rifjut taċ-CNRACL li jagħti lil M. Leone l-benefiċċju ta' irtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni u akkreditazzjoni ta' anzjanità għall-finijiet tal-kalkolu tal-pensjoni tiegħu.

### Il-kuntest ġuridiku

- 3 L-Artikolu L. 1 tal-Kodiċi dwar il-pensjonijiet tal-irtirar ċivili u militari Franċiż (iktar 'il quddiem il-“Kodiċi dwar il-pensjonijiet”) jipprovdi:

“Il-pensjoni hija allowance pekunjarja persunali u *vita durante* mogħtija lill-uffiċjali ċivili u militari u, wara l-mewt tagħhom, lill-aventi kawża tagħhom bil-liġi, b' remunerazzjoni għas-servizzi li huma wettqu sat-tmiem regolari tal-funzjonijiet tagħhom.

L-ammont tal-pensjoni, li jieħu inkunsiderazzjoni l-livell, it-tul u n-natura tas-servizzi mwettqa, jiggarrantixxi, fi tmiem il-karriera, lill-benefiċjarju kundizzjonijiet materjali ta' eżistenza b'konnessjoni mad-dinjità tal-funzjoni tiegħu.”

### *Id-dispożizzjonijiet dwar l-irtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni*

- 4 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-uffiċjali ċivili jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jibbenefikaw minn irtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni.
- 5 Fost dawn il-kundizzjonijiet jinsabu dawk stabbiliti fl-Artikolu L. 24, I, 3°, tal-Kodiċi dwar il-pensjonijiet, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mill-Artikolu 136 tal-Liġi Nru 2004-1485, tat-30 ta' Diċembru 2004, tal-finanzi rettifikkattiva għall-2004 (JORF tal-31 ta' Diċembru 2004, p. 22522), li jipprovdi:

“I. – Il-likwidazzjoni tal-pensjoni tintervjeni:

[...]

- 3° Meta l-uffiċjal ċivili huwa ġenitur ta' tlett itfal ħajjin, jew li mietu minħabba l-gwerra, jew ta' tifel ħaj, li għandu iktar minn sena u li għandu invalidità pari jew superjuri għal 80 %, bil-kundizzjoni li għal kull tifel, huwa waqqaf l-attività professjonali tiegħu taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti permezz ta' digriet tal-Kunsill tal-Istat.

Huma inklużi fl-interruzzjoni tal-attività msemmija fis-subparagrafu preċedenti l-perijodi li ma tawx lok għall-kontribuzzjoni obligatorja fi skema bażika ta' irtirar, bil-kundizzjonijiet stabbiliti permezz ta' digriet tal-Kunsill tal-Istat.

Huma inklużi mat-tfal imsemmija fl-ewwel subparagrafu t-tfal elenkati fl-Artikolu L. 18(II) li l-persuna kkonċernata rabbiet taħt il-kundizzjonijiet previsti fis-subparagrafu (III) tal-imsemmi artikolu.”

- 6 It-tielet u s-sitt paragrafi tal-Artikolu L. 18, II, tal-Kodiċi dwar il-pensjonijiet fihom l-elekar li ġej:

“It-tfal tal-konjuġi minn żwieġ preċedenti, it-tfal naturali tiegħu li l-filjazzjoni tagħhom hija stabbilita u t-tfal adottivi tiegħu;

It-tfal li kienu suġġetti għal delegazzjoni tas-setgħa tal-ġenituri favur il-persuna li tirċievi l-pensjoni u l-konjuġi tagħha;

It-tfal imqiegħda taħt tutela tal-persuna li tirċievi l-pensjoni jew tal-konjuġi tagħha, meta t-tutela tkun akkumpanjata mill-kustodja effettiva u permanenti tal-wild;

It-tfal li jkunu milqugħa f'darha, mill-persuna li tirċievi l-pensjoni jew mill-konjuġi tagħha, li jiġġustifika, fil-kundizzjonijiet stabbiliti permezz ta' digriet tal-Conseil d'État, li tkun ħadet ir-responsabbiltà effettiva u permanenti tagħhom.”

- 7 L-Artikolu 18, III, tal-Kodiċi dwar il-pensjonijiet jinkludi l-preċiżazzjonijiet li ġejjin:

“Bl-eċċezzjoni għal tfal li mietu minħabba l-gwerra, it-tfal iridu jkunu trabbew għal mhux inqas minn disa' snin, jiġifieri qabel ma jagħlqu sittax-il sena, jew qabel l-età li fiha huma ma jibqgħux dipendenti fis-sens tal-Artikoli L. 512-3 u R. 512-2 sa R. 512-3 tal-Kodiċi dwar is-Sigurtà Soċjali.

Sabiex tiġi ssodisfatta l-kundizzjoni ta' tul ta' hawn fuq, għandu jittieħed kont, jekk ikun il-każ, taż-żmien li matulu t-tfal ikunu trabbew mill-konjuġi wara l-mewt tal-persuna li tirċievi l-pensjoni.”

- 8 L-Artikolu R. 37 tal-Kodiċi dwar il-pensjonijiet, fir-redazzjoni li tirriżulta mid-Digriet Nru 2005-449, tal-10 ta' Mejju 2005, meħud għall-applikazzjoni tal-Artikolu 136 tal-Liġi dwar il-finanzi rettifikattiva għall-2004 (Liġi Nru 2004-1485 tat-30 ta' Diċembru 2004) u li jemenda l-Kodiċi tal-pensjonijiet tal-irtirar ċivili u militari (JORF tal-11 ta' Mejju 2005, p. 8174), jipprovdi:

“I. – L-interruzzjoni tal-attività prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu L. 24(I)(3) għandha tkun għal perijodu kontinwu ta' mhux inqas minn xahrejn u għandha ssir waqt li l-uffiċjal ikun affiljat ma' sistema tal-irtirar obligatorja. Fil-każ ta' twelid jew ta' adożzjonijiet simultanji, it-tul ta' interruzzjoni tal-attività meħud inkunsiderazzjoni fir-rigward tal-ulied kollha inkwistjoni huwa wkoll ta' xahrejn.

Din l-interruzzjoni tal-attività jeħtieġ li tkun saret matul il-perijodu bejn l-ewwel ġurnata tar-raba' ġimgħa qabel it-twelid jew l-adożzjoni u l-aħħar ġurnata tas-sittax-il ġimgħa wara t-twelid jew l-adożzjoni.

B'deroga mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu ta' qabel dan, għat-tfal elenkati fit-tielet, fir-raba', fil-ħames u fis-sitt subparagrafi tal-Artikolu L. 18(II) li l-persuna kkonċernata rabbiet fil-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu (III) tal-imsemmi artikolu, l-interruzzjoni tal-attività għandha sseħħ jew qabel jagħlqu sittax-il sena jew qabel l-età li fiha huma ma jibqgħux dipendenti fis-sens tal-Artikoli L. 512-3 u R. 512-2 sa R. 512-3 tal-Kodiċi dwar is-Sigurtà Soċjali.

II. – Fil-kalkolu tal-perijodu tal-interruzzjoni tal-attività għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-perijodi li jikkorrispondu għal sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt tax-xogħol jew għal interruzzjoni ta' servizz effettiv, magħmula fil-kuntest:

a) tal-leave tal-maternità [...];

- b) tal-leave tal-paternità [...];
- c) tal-leave tal-adozzjoni [...];
- d) tal-leave parentali [...];
- e) tal-leave ta' preżenza parentali [...];
- f) ta' disponibbiltà għat-trobbija ta' wild ta' inqas minn tmien snin [...].

III. –

Il-perijodi msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu L. 24(I)(3) huma l-perijodi li ma tawx lok għal kontribuzzjoni tal-persuna kkonċernata u li matulhom huwa ma eżerċita ebda attività professjonali.”

*Id-dispożizzjonijiet dwar l-akkreditazzjoni*

- 9 Skont l-Artikolu 15 tad-Digriet Nru 2003-1306, tas-26 ta' Diċembru 2003, dwar is-sistema tal-irtirar tal-uffiċjali affiljati mal-Caisse nationale de retraite des agents des collectivités locales (JORF tat-30 ta' Diċembru 2003, p. 22477):

“I.– Mas-servizzi effettivi għandhom jiżiedu, taħt il-kundizzjonijiet previsti għall-uffiċjali ċivili tal-Istat, l-akkreditazzjonijiet segwenti:

[...]

- 2° Akkreditazzjoni stabbilita għal erba' trimestri, bil-kundizzjoni li l-uffiċjali jkunu waqqfu l-attività tagħhom, għal kull wieħed mit-tfal leġittimi tagħhom u mit-tfal naturali mweldin qabel l-1 ta' Jannar 2004, għal kull wieħed mit-tfal tagħhom li l-adozzjoni tiegħu seħħet qabel l-1 ta' Jannar 2004 u, bil-kundizzjoni li jkunu rabbewhom matul mhux inqas minn disa' snin qabel ma jagħlqu wieħed u għoxrin sena, għal kull wieħed mit-tfal l-oħra elenkati fl-Artikolu 24(II) li saru dipendenti qabel l-1 ta' Jannar 2004.

Din l-interruzzjoni tal-attività għandu jkollha tul kontinwu ta' mhux inqas minn xahrejn u tkun fil-forma ta' leave tal-maternità, leave tal-adozzjoni, leave parentali jew leave ta' preżenza parentali [...], jew ta' disponibbiltà għat-trobbija ta' tifel ta' inqas minn tmien snin [...]

Id-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu 2° għandhom japplikaw għall-pensjonijiet likwidati wara t-28 ta' Mejju 2003;

- 3° L-akkreditazzjoni prevista fis-subparagrafu 2 għandha titħallas lill-uffiċjali nisa li jkunu welldu matul is-snin ta' studju tagħhom qabel l-1 ta' Jannar 2004, qabel ma jkunu ġew reklutati fis-servizz pubbliku, meta dan ir-reklutaġġ ikun seħħ fi żmien sentejn wara li jkunu kisbu l-lawrja li kienet neċessarja sabiex setgħu jipparteċipaw f'kompetizzjoni, mingħajr ma tkun tista' tiġi imposta fuqhom kundizzjoni ta' interruzzjoni tal-attività;

[...]”

## **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

- 10 Mis-sena 1984 sal-2005, M. Leone eżerċita l-attività ta' infermier fl-isptarijiet ċivili ta' Lyon, bħala aġent tas-servizz pubbliku mediku.

- 11 Fl-4 ta' April 2005, M. Leone talab li jibbenefika minn irtirar antiċipat bl-ġhoti immedjat tal-pensjoni, billi invoka l-kwalità tiegħu ta' missier ta' tlett itfal imwiela, rispettivament, fid-9 ta' Ottubru 1990, fil-31 ta' Awwissu 1993 u fis-27 ta' Novembru 1996.
- 12 Din it-talba ġiet miċħuda miċ-CNRACL, permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' April 2005, għar-raġuni li M. Leone ma kienx interrompa l-attività professjonali tiegħu għal kull wieħed mit-tliet uliedu, hekk kif jeħtieġ l-Artikolu L. 24, I, subparagrafu 3°, tal-Kodiċi dwar il-pensjonijiet. L-azzjoni mibdija minn M. Leone kontra din id-deċiżjoni ġiet miċħuda permezz ta' digriet tat-tribunal administratif de Lyon tat-18 ta' Mejju 2006.
- 13 Fil-31 ta' Diċembru 2008, il-konjuġi Leone taw bidu għal proċedura ġudizzjarja sabiex jiksbu l-kumpens għad-danni li huma jqisu li sostnew minħabba d-diskriminazzjoni indiretta, kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, li tagħha kien vittma M. Leone. Din id-diskriminazzjoni tirriżulta, minn naħa, mid-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli L. 24 u R. 37 tal-Kodiċi dwar il-pensjonijiet, dwar l-irtirar antiċipat bl-ġhoti immedjat tal-pensjoni, u, min-naħa l-oħra, tas-subparagrafu 2° tal-Artikolu 15 tad-Digriet Nru 2003/1306, dwar l-akkreditazzjoni tal-pensjoni.
- 14 Billi din it-talba ġiet miċħuda permezz ta' deċiżjoni tat-tribunal administratif de Lyon tas-17 ta' Lulju 2012, il-konjuġi Leone appellaw din id-deċiżjoni quddiem il-cour administrative d'appel de Lyon.
- 15 Huwa f'dan il-kuntest li, billi rrilevat li r-responsabbiltà tal-Istat minħabba l-liġijiet tista' tingħata bidu meta dawn jiksru l-impenji internazzjonali tar-Repubblika Franċiża, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:
  - “1) Id-dispożizzjonijiet flimkien tal-Artikolu L. 24 u tal-Artikolu R. 37 tal-[Kodiċi dwar il-pensjonijiet] kif jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-[Liġi Nru 2004-1485] u [tad-Digriet Nru 2005-449], jistgħu jitqiesu bħala li jagħtu lok għal diskriminazzjoni indiretta bejn l-irġiel u n-nisa fis-sens tal-Artikolu 157 [TFUE]?”
  - 2) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15 tad-[Digriet 2003-1306], jistgħu jitqiesu bħala li jagħtu lok għal diskriminazzjoni indiretta bejn l-irġiel u n-nisa fis-sens tal-Artikolu 157 [TFUE]?”
  - 3) Fil-każ ta' risposta pożittiva għal waħda mill-ewwel żewġ domandi, tali diskriminazzjoni indiretta hija ġustifikabbli fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 157(4) [TFUE]?”

## **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

- 16 Wara li ġew ippreżentati l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, il-konjuġi Leone, permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Marzu 2014, talbu li din il-kawża tiġi assenjata mill-ġdid lill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja u li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.
- 17 Insostenn ta' dawn it-talbiet, il-persuni kkonċernati jinvokaw, essenzjalment, minbarra l-fatt li huma ma jaqblux mal-imsemmija konklużjonijiet, l-ewwel nett il-fatt li fl-20 ta' Jannar 2014 ġiet adottata riforma tal-irtirar li, mingħajr ma temenda l-vantaġġi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, madankollu tipprevedi l-adozzjoni futura ta' rapport tal-gvern li jħabbar riforma tal-vantaġġi familjari li jikkarakterizzaw is-sistemi tal-irtirar. Dan huwa fatt ġdid ta' natura li jiġġustifika ftuħ mill-ġdid tad-diskussjonijiet.
- 18 It-tieni nett, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jsostnu li d-Direttiva tal-Kunsill 86/378/KEE, tal-24 ta' Lulju 1986, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għal irġiel u nisa fi skemi tax-xogħol ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 327), kif emendata

bid-Direttiva tal-Kunsill 96/97/KE, tal-20 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 232), la ġiet indirizzata mill-Gvern Franċiż fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu u lanqas mill-Avukat Ġenerali fil-konklużjonijiet tiegħu. Huma jistgħu, għaldaqstant, jinvokaw l-eżistenza ta' argument mhux diskuss bejn il-partijiet, li jiġġustifika ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

- 19 F'dan ir-rigward, u f'dak li jikkonċerna, fl-ewwel lok, it-talba għal assenjazzjoni mill-ġdid tal-kawża lill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja, hemm lok li qabelxejn jiġi rrilevat li ebda dispożizzjoni tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jew tar-Regoli ta' Proċedura tagħha ma tipprevedi t-trattament ta' din it-tip ta' talba fil-kuntest ta' proċedura għal rinviu preliminari.
- 20 Skont l-Artikolu 60(3) ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura, il-kulleġġ ġudikanti li quddiemu l-kawża ġiet irrinvijata jista', ċertament, f'kull stadju tal-proċedura, jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tassenja mill-ġdid din il-kawża lil kulleġġ ġudikanti iktar importanti, iżda din hija miżura li l-awla li lilha tkun ġiet assenjata l-kawża għandha tadotta, bħala prinċipju, *ex officio* u b'mod liberu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Spanja vs Il-Kunsill, C-310/04, EU:C:2006:521, punt 22).
- 21 F'dan il-każ, ir-Raba' Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ma hemmx lok li l-Qorti tal-Ġustizzja tintalab tirrinviya din il-kawża lill-Awla Manja.
- 22 Fit-tieni lok, għandu jittfakkar li skont l-Artikolu 83 tal-imsemmija Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari meta tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara l-għeluq ta' din il-fażi, fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew inkella meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma kienx indirizzat mill-partijiet jew mill-partijiet interessati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- 23 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, l-ewwel nett, li wara li kien possibbli għalihom li jsiru jafu bl-osservazzjonijiet ippreżentati, ebda waħda minn dawn il-partijiet u ebda waħda minn dawn il-persuni kkonċernati ma talbet li tiġi organizzata seduta, kif prevista l-possibbiltà fl-Artikolu 76 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- 24 It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li hija għandha l-elementi kollha neċessarji sabiex tiegħu deċiżjoni.
- 25 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-fatt ġdid allegat mill-konjuġi Leone, ma jidherx li l-liġi invokata minnhom, li daħlet fis-seħħ wara l-fatti kontenzjużi, hija ta' natura li teżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiegħu.
- 26 Barra minn hekk, il-fatt li l-Gvern Franċiż naqas milli jindirizza d-Direttiva 86/378 fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu jew fis-seduta li huwa seta' jitlob għal dan l-għan u l-fatt li l-Avukat Ġenerali ma ddiskutiex din id-direttiva iktar fil-konklużjonijiet tiegħu, filwaqt li l-konjuġi Leone għamlu riferiment għaliha fl-osservazzjonijiet tagħhom, bl-ebda mod ma huma ta' natura li jiġġustifikaw ftuħ mill-ġdid tad-diskussjonijiet minħabba li tali element ma ġiex diskuss bejn il-partijiet.
- 27 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ammissibbiltà*

- 28 Il-Gvern Franċiż jitlob, prinċipalment, l-inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari minħabba li l-qorti tar-rinviju la esponiet ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali u l-Artikolu 157 TFUE u lanqas ir-raġunijiet li jwassluha sabiex tiddubita mill-konformità ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali ma' dan l-artikolu.
- 29 Skont dan il-gvern, il-qorti tar-rinviju kellha tispjega liema huma l-effetti tal-imsemmija dispożizzjonijiet nazzjonali li fl-opinjoni tagħha jidhru, fid-dawl tal-kriterji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha, ta' natura li jwasslu għall-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' diskriminazzjonijiet indiretti. Bl-istess mod, din il-qorti kellha tesponi r-raġunijiet li għalihom hija ma taqbilx mal-pożizzjoni tal-Conseil d'État (Franza) li, fil-ġurisprudenza tiegħu, diġà kkonkluda l-assenza ta' tali diskriminazzjonijiet indiretti filwaqt li kkunsidra li ma kienx neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi adita b'mod preliminari dwar dan is-suġġett.
- 30 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, minn naħa, li hija ġurisprudenza stabbilita li, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni preliminari li għandha tingħata, li tevalwa, fir-rigward tal-partikolaritajiet tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti d-deċiżjoni tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, obligata li tagħti d-deċiżjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Carmen Media Group, C-46/08, EU:C:2010:505, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 31 Ir-rifjut li tiddeċiedi dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mal-għan tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-punti ta' fatt jew ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li sarulha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Carmen Media Group, EU:C:2010:505, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 32 Issa, f'dan il-każ, il-punti tad-dritt nazzjonali u l-punti ta' fatt li jinsabu fid-deċiżjoni tar-rinviju huma biżżejjed sabiex jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi b'mod utli għad-domandi magħmula lilha u dawn tal-aħħar għandhom rabtiet evidenti mas-suġġett tal-kawża prinċipali. Fir-rigward tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, li għalihom hija tagħmel riferiment fid-domandi tagħha, u għar-rabtiet li hija tqis li jeżistu bejn dawn id-dispożizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-kawża prinċipali, hemm lok li jiġi rrilevat li dawn jistgħu faċilment jiġu dedotti mid-deċiżjoni tar-rinviju u, b'mod partikolari, mill-espożizzjoni tal-pretensjonijiet u tal-argumenti tal-partijiet fil-kawża prinċipali li jinsabu f'dik id-deċiżjoni.
- 33 Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li hija ġurisprudenza stabbilita li l-Artikolu 267 TFUE tagħti lill-qorti nazzjonali diskrezzjoni l-iktar wiesgħa sabiex jirreferu kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk dawn iqisu li kawża pendent quddiemhom tqajjem mistoqsijiet li jeħtieġu interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni neċessarji għas-soluzzjoni tal-kawża mressqa quddiemhom. Huwa għalhekk, b'mod partikolari, li l-qorti li ma tiddeċidix fl-aħħar istanza għandha tkun libera, jekk hija tqis li l-evalwazzjoni fid-dritt magħmula f'livell superjuri tista' twassalha sabiex tagħti deċiżjoni kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja domandi li jkunu ta' tħassib għaliha (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Elchinov, C-173/09, EU:C:2010:581, punti 26 u 27, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

- 34 Minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-oġġezzjonijiet magħmula mill-Gvern Franċiż għandhom jitwarrbu u li t-talba għal deċiżjoni preliminari għandha titqies li hija ammissibbli.

*Fuq il-mertu*

Osservazzjonijiet preliminari

- 35 Għandu jifakkar, minn naħa, li l-kawża prinċipali tirrigwarda talba għad-danni bbażata fuq il-fatt li, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu fis-seħħ dak iż-żmien, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ma setax jibbenefika, sa mix-xahar ta' April 2005, minn irtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni u minn akkreditazzjoni ta' anzjanità wara ċ-ċaħda, permezz ta' deċiżjoni ta' CNRACL tat-18 ta' April 2005, tat-talba tiegħu intiża għall-ksib ta' dawn il-vantaġġi. F'dawn il-kundizzjonijiet, u fid-dawl tal-fatt li t-Trattat ta' Lisbona daħal fis-seħħ biss fl-1 ta' Diċembru 2009, sabiex tingħata risposta għall-kwistjonijiet li d-domandi magħmula jqajmu, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni, hekk kif sostnew b'mod partikolari l-Kummissjoni u l-konjuġi Leone, l-Artikolu 141 KE minflok l-Artikolu 157 TFUE, li għalih għamlet riferiment b'mod formali l-qorti tar-rinviju fid-domandi tagħha.
- 36 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rilevat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-akkreditazzjonijiet ta' pensjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tittratta t-tieni domanda, ġew adottati wara s-sentenza Griesmar (C-366/99, EU:C:2001:648), minn fejn jirriżulta li l-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ preċedentement kienet tmur kontra l-prinċipju ta' ugwaljanza tar-remunerazzjonijiet stabbilit fl-Artikolu 141 KE.
- 37 F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt iddeċidiet li, fir-rigward tal-akkreditazzjoni ta' pensjoni prevista b'din il-leġiżlazzjoni nazzjonali preċedenti, li l-għoti tagħha kien jiddependi biss mill-kriterju dwar l-edukazzjoni tal-ulied, l-uffiċjali nisa u l-uffiċjali rġiel kienu jinsabu, fir-rigward ta' dan il-kriterju, f'sitwazzjoni paragonabbli, b'mod li, billi rriżervat il-benefiċċju tal-imsemmija akkreditazzjoni għall-uffiċjali nisa biss u billi eskludietha għall-uffiċjali rġiel li kienu kapaċi jagħtu prova li huma hađu r-responsabbiltà tal-edukazzjoni ta' wliedhom, din il-leġiżlazzjoni kienet introduċiet diskriminazzjoni indiretta minħabba s-sess, b'mod kuntrarju għall-Artikolu 141 KE (ara s-sentenza Griesmar, EU:C:2001:648, b'mod partikolari l-punti 53 sa 58 u 67).

Fuq it-tieni domanda

- 38 Permezz tat-tieni domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 141 KE għandux jiġi interpretat fis-sens li sistema ta' akkreditazzjoni ta' pensjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tiġġenerax diskriminazzjoni indiretta fil-qasam tar-remunerazzjoni bejn ħaddiema nisa u ħaddiema rġiel kuntrarja għal dan l-artikolu.
- 39 Preliminarjament għandu jifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-pensjonijiet mogħtija taħt sistema li fiha karatteristiċi bħal dawk tas-sistema Franċiża ta' rtirar tal-uffiċjali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqgħu taħt il-kunċett ta' remunerazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 141 KE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Griesmar, EU:C:2001:648, punti 26 sa 38, u Mouflin, C-206/00, EU:C:2001:695, punti 22 u 23).
- 40 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ugwaljanza tar-remunerazzjonijiet stabbilit fl-Artikolu 141 KE jipprekludi mhux biss l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet li jistabbilixxu diskriminazzjonijiet direttament ibbażati fuq is-sess, iżda wkoll l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet li jżommu differenzi fit-trattament bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa b'applikazzjoni ta' kriterji mhux ibbażati fuq is-sess, sakemm dawn id-differenzi fit-trattament ma jistgħux jiġu spjegati abbażi ta' fatturi



oġġettivament iġġustifikati u li ma jkunux relatati ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Seymour-Smith u Perez, C-167/97, EU:C:1999:60, punt 52, u Voß, C-300/06, EU:C:2007:757, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 41 B'mod iktar preċiż, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li jkun hemm diskriminazzjoni indiretta minħabba s-sess meta l-applikazzjoni ta' miżura nazzjonali, minkejja li tkun ifformulata b'mod newtru, fil-fatt tiżvantaġġa numru ħafna oġhla ta' ħaddiema ta' sess milli tal-ieħor (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Z, C-363/12, EU:C:2014:159, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata). Tali miżura ma hijiex kompatibbli mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament ħlief bil-kundizzjoni li d-differenza fit-trattament bejn iż-żewġ kategoriji ta' ħaddiema li hija toħloq tkun ġustifikata minn fatturi oġġettivi li ma jkunux relatati ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Rinner-Kühn, 171/88, EU:C:1989:328, punt 12; Voß, EU:C:2007:757, punt 38; u Brachner, C-123/10, EU:C:2011:675, punt 70).
- 42 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 15 tad-Digriet Nru 2003-1306, akkreditazzjoni ta' anzjanità f'fissata ferba' trimestri għandha tingħata, fid-dawl tal-kalkolu tal-ammont tal-pensjoni, lil kull uffiċjal, għal kull wieħed minn uliedu mwielda jew adottati qabel l-1 ta' Jannar 2014, jew li ttieħdet ir-responsabbiltà tagħhom qabel dik id-data u mrobbija matul disa' snin, bil-kundizzjoni li l-imsemmi uffiċjal ikun jista' jiġġustifika interruzzjoni tal-attività ta' tul kontinwu ta' xahrejn li seħħew fil-kuntest ta' leave tal-maternità, leave tal-adozzjoni, leave parentali jew leave ta' preżenza parentali jew ta' disponibbiltà għat-trobbija ta' wild ta' inqas minn tmien snin. Skont l-imsemmija dispożizzjoni, din l-akkreditazzjoni tingħata wkoll lin-nisa uffiċjali li jkunu welldu matul is-snin ta' studju tagħhom qabel l-1 ta' Jannar 2004 u qabel ir-reklutaġġ tagħhom fis-servizz pubbliku, meta dan ir-reklutaġġ ikun seħħ f'terminu ta' sentejn wara l-ksib tal-lawrja neċessarja sabiex setgħu jipparteċipaw f'kompetizzjoni.
- 43 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, ikkunsidrata bħala tali, dispożizzjoni li għaldaqstant tipprevedi li akkreditazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija msejħa li tibbenefika lill-uffiċjali taż-żewġ sessi bil-kundizzjoni li dawn ikunu interrompew il-karriera tagħhom matul perijodu minimu ta' xahrejn konsekuttivi sabiex jiddedikaw ruħhom għal wild għandha apparenza newtrali f'dak li jikkonċerna s-sess tal-persuna kkonċernata, peress, b'mod partikolari, li ma jidhirx li l-possibbiltajiet ta' interruzzjoni tal-karriera previsti bil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma legalment miftuħa biss għall-uffiċjali ta' wieħed miż-żewġ sessi.
- 44 F'dan ir-rigward, huwa stabbilit li kemm l-uffiċjali rġiel kif ukoll l-uffiċjali nisa jistgħu jibbenefikaw minn tali possibbiltajiet ta' interruzzjoni tal-karriera fil-kuntest ta' leave tal-adozzjoni, ta' leave parentali jew ta' leave ta' preżenza parentali jew, saħansitra, fil-kuntest ta' disponibbiltà għat-trobbija ta' wild ta' inqas minn tmien snin.
- 45 Madankollu, minkejja din l-apparenza ta' newtralità, għandu jiġi kkonstatat li l-kriterju li jinsab fl-Artikolu 15 tad-Digriet Nru 2003-1306 iwassal sabiex perċentwali ħafna oġhla ta' nisa milli ta' rġiel jibbenefikaw mill-vantaġġ ikkonċernat.
- 46 Effettivament, il-fatt li s-sistema ta' akkreditazzjoni ta' pensjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tinkludi, fost il-forom statutorji ta' interruzzjoni ta' attività li tagħti dritt għal akkreditazzjoni, il-leave tal-maternità, jimplika, fid-dawl tat-tul minimu u tan-natura obbligatorja ta' dan il-leave fid-dritt Franċiż, li l-uffiċjali nisa li huma l-ġenitur bijoloġiku tal-wild tagħhom jinsabu, bħala prinċipju, f'pożizzjoni li jibbenefikaw mill-vantaġġ li din l-akkreditazzjoni tikkostitwixxi.
- 47 Għall-kuntrarju, fir-rigward tal-uffiċjali rġiel, diversi fatturi jikkontribwixxu, f'dan il-każ, sabiex jitnaqqas b'mod kunsiderevoli n-numru ta' daww fosthom li jkunu jistgħu effettivament jibbenefikaw mill-imsemmi vantaġġ.

- 48 Għal dan l-għan, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li, b'differenza mil-leave tal-maternità, is-sitwazzjonijiet ta' leave jew ta' disponibbiltà li jistgħu jagħtu d-dritt għall-imsemmija akkreditazzjoni ta' pensjoni għandhom, għal uffiċjal, natura fakultattiva.
- 49 It-tieni nett, jirriżulta, b'mod partikolari mill-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Franċiż li sitwazzjonijiet statutorji bħalma huma l-leave parentali, il-leave ta' preżenza parentali jew id-disponibbiltà huma akkumpanjati minn assenza kemm ta' remunerazzjoni kif ukoll ta' ksib ta' drittijiet għal pensjoni. Barra minn hekk, il-leave ta' preżenza parentali u d-disponibbiltà huma akkumpanjati, rispettivament, minn tnaqqis u minn assenza ta' ksib tad-dritt għall-avvanz fl-iskala.
- 50 Il-fatt li sistema ta' akkreditazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija ta' natura li tibbenefika prinċipalment lill-uffiċjali nisa barra minn hekk ġie kkonstatat b'mod espress mill-Conseil d'État fis-sentenza tiegħu tad-29 ta' Diċembru 2004, *D'Amato et* (Nru 265097), li l-Gvern Franċiż ipproduċa insostenn tal-osservazzjonijiet tiegħu. Konstatazzjoni simili twettqet ukoll mill-Awtorità Għolja tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjonijiet u għall-ugwaljanza fid-deliberazzjoni tagħha Nru 2005-32, tas-26 ta' Settembru 2005, li għaliha għamlu riferiment il-konjuġi Leone fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom.
- 51 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal preċedentement, il-kundizzjoni ta' interruzzjoni tal-attività professjonali ta' xahrejn li għaliha s-sistema inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissuġġetta, bħala prinċipju, l-għoti tal-akkreditazzjoni, minkejja l-apparenza newtra fuq il-livell tas-sess tal-uffiċjali kkonċernati, hija, f'dan il-każ, ta' natura li tiġi sodisfatta minn perċentwali kunsiderevolment ħafna iżgħar ta' uffiċjali rġiel milli uffiċjali nisa, b'mod li din tiżvantaġġa fil-fatt numru ħafna oġhla ta' ħaddiema ta' sess milli ħaddiema tas-sess l-ieħor.
- 52 F'dawn il-kundizzjonijiet għandu jiġi vverifikat jekk id-differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema nisa u l-ħaddiema rġiel hekk iġġenerata tistax, jekk ikun il-każ, tiġi ġġustifikata minn fatturi oġġettivi li ma jkunux relatati ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.
- 53 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li dan huwa partikolarment il-każ jekk il-mezzi magħżula jissodisfaw għan leġittimu ta' politika soċjali, huma kapaċi jilhqqu l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u huma neċessarji għal dan l-għan (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Seymour-Smith u Perez, EU:C:1999:60, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll Brachner, EU:C:2011:675, punt 70 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 54 Barra minn hekk, tali mezzi ma jistgħux jitqiesu li huma xierqa sabiex jiggarrantixxu l-għan invokat ħlief jekk dawn jirrispondu verament għar-rieda li dan l-għan jintlaħaq u jekk dawn jiġux implementati b'mod koerenti u sistematiku (sentenzi Hartlauer, C-169/07, EU:C:2009:141, punt 55; Georgiev, C-250/09 u C-268/09, EU:C:2010:699, punt 56; Fuchs u Köhler, C-159/10 u C-160/10, EU:C:2011:508, punt 85; kif ukoll Brachner, EU:C:2011:675, punt 71).
- 55 Huwa l-Istat Membru kkonċernat, fil-kwalità tiegħu ta' awtur tar-regola preżunta diskriminatorja, li għandu juri li din ir-regola tissodisfa għan leġittimu ta' politika soċjali, li dan l-għan ma huwiex relatat ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u li dan seta' raġonevolment iqis li l-mezzi magħżula kienu kapaċi jwettqu l-imsemmi għan (sentenza Brachner, EU:C:2011:675, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 56 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li, minkejja li fl-aħħar lok hija l-qorti nazzjonali, li hija l-unika li għandha ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-fatti u tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tiddetermina jekk u sa fejn id-dispożizzjoni leġiżlattiva kkonċernata hija ġġustifikata minn tali fattur oġġettiv, il-Qorti tal-Ġustizzja, imsejħa sabiex tipprovdi lil din b'risposti utli fil-kuntest ta' rinviu għal deċiżjoni preliminari, għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti indikazzjonijiet,

misluta mill-proċess tal-kawża prinċipali kif ukoll mill-osservazzjonijiet bil-miktub u orali li jkunu ppreżentati quddiemha, ta' natura li jippermettu lill-qorti nazzjonali tasal għal deċiżjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza Brachner, EU:C:2011:675, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 57 Fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-għanijiet segwiti mis-sistema ta' akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Gvern Franċiż li għandu, hekk kif tfakkar fil-punt 55 tal-preżenti sentenza, ir-responsabbiltà li juri li l-imsemija sistema tissodisfa, jekk ikun il-każ, għan leġittimu u li din tal-aħħar ma hijiex relatata ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, indika, fl-osservazzjonijiet tiegħu, li l-akkreditazzjoni kkonċernata għandha l-għan li tikkumpensa l-iżvantaġġi fil-karriera li jirriżultaw mill-interruzzjoni tal-attività professjonali minħabba t-twelid, il-wasla fid-dar jew l-edukazzjoni tat-tfal.
- 58 F'dan ir-rigward, ir-rieda li jiġu kkompensati l-iżvantaġġi sostnuti fl-iżvolġiment tal-karriera tagħhom mill-ħaddiema kollha, kemm nisa kif ukoll irġiel, li jkunu interrompewha għal ċertu żmien sabiex jiddedikaw ruħhom għal uliedhom tikkostitwixxi, ċertament, bħala tali, għan leġittimu ta' politika soċjali.
- 59 Madankollu, sempliċi affermazzjonijiet ġenerali ma humiex suffiċjenti sabiex juru li l-għan ta' regola nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma huwiex relatat ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess u lanqas ma huma biżżejjed sabiex jipprovdu elementi li jippermettu b'mod raġonevoli li jitqies li l-mezzi magħżula kienu kapaċi jwettqu tali għan (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi Seymour-Smith u Perez, EU:C:1999:60, punt 76, kif ukoll Nikoloudi, C-196/02, EU:C:2005:141, punt 52).
- 60 F'dan il-każ, hemm lok li tingħata iktar u iktar attenzjoni lill-osservanza effettiva tad-diversi rekwiżiti mfakkra fil-punti 52 sa 55 tal-preżenti sentenza peress li, hekk kif ġie enfasizzat fil-punti 36 u 37 tagħha, is-sistema ta' akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġiet adottata għall-finijiet li d-dritt nazzjonali jitqiegħed f'konformità mal-prinċipju ta' ugwaljanza fir-remunerazzjonijiet bejn l-irġiel u n-nisa wara li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun ikkonstatat in-nuqqas ta' konformità tal-mekkaniżmu regolamentari nazzjonali preċedenti ma' dan il-prinċipju.
- 61 Issa, il-Kummissjoni u l-konjuġi Leone sostnew b'mod partikolari, f'dan ir-rigward, li r-Repubblika Franċiża ssostitwixxiet dan il-mekkaniżmu preċedenti b'mekkaniżmu ġdid li, taħt il-kopertura ta' miżuri apparentement newtri fir-rigward tas-sess tal-persuni li għalihom japplikaw dawn il-miżuri, fir-realtà żammet l-għanijiet tal-imsemmi mekkaniżmu preċedenti u żgurat *status quo* u sostenibbiltà tal-effetti konkreti tiegħu.
- 62 Skont il-konjuġi Leone, il-mekkaniżmu l-ġdid applikabbli jżomm, fil-fatt, l-istess għan u l-istess kawża bħal dak antik, jiġifieri, essenzjalment, li jiġu kkompensati l-iżvantaġġi professjonali li jirriżultaw miż-żmien mgħoddi, mill-uffiċjal, għall-edukazzjoni tat-tfal, matul il-karriera tiegħu. Ir-Repubblika Franċiża b'hekk għamlet użu mill-kriterju artifiċjali bbażat fuq l-interruzzjoni tal-karriera sempliċement għall-finijiet li tevita l-konsegwenzi finanzjarji li jistgħu jirriżultaw minn applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni u dan l-Istat Membru jibqa' ma jistabbilixxix li l-modifiki hekk ippreżentati jsewgu għan leġittimu la ma huwiex relatat ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.
- 63 Il-Gvern Franċiż isostni li l-interruzzjoni tal-karriera bl-għan li tittieħed responsabbiltà tat-tfal għandha impatt dirett fuq l-ammont tal-pensjoni tal-uffiċjal kemm minħabba l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi ta' interruzzjoni għall-kalkolu tiegħu, kif ukoll minħabba d-deċelerazzjoni tal-karriera li huma jiġġeneraw, u li l-akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija intiża, għaldaqstant, li tikkumpensa finanzjarjament tali impatt matul il-likwidazzjoni ta' din il-pensjoni.

- 64 Skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 56 tal-preżenti sentenza, hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-elementi li jinsabu fil-proċess li hija għandha u fid-dawl tal-osservazzjonijiet ippreżentati quddiemha, li għandha tagħti l-indikazzjonijiet segwenti, ta' natura li jippermettu lill-qorti nazzjonali tasal għad-deċiżjoni tagħha.
- 65 L-ewwel nett, hekk kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Franċiż, il-leaves tal-maternità u tal-adozzjoni huma akkumpanjati minn żamma tal-ksib tad-drittijiet għall-pensjoni u tad-drittijiet għall-avvanz, filwaqt li l-leave parentali u l-leave ta' preżenza parentali huma kkaratterizzati, l-ewwel wieħed, minn żamma totali, u t-tieni, minn żamma parzjali tad-drittijiet għall-avvanz. F'dawn il-kundizzjonijiet, huwa permess li wieħed jistaqsi dwar il-punt ta' sa fejn l-għoti tal-akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa verament intiż li jikkumpensa għal assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn il-perijodi ta' interruzzjoni għall-kalkolu tal-pensjoni jew tal-iżvantaġġi marbuta ma' deċelerazzjoni tal-karriera tal-uffiċjal, hekk kif isostni dan il-gvern.
- 66 *A priori* l-istess japplika għall-fatt li din l-akkreditazzjoni hija stabbilita, b'mod uniformi, għal sena sħiħa, mingħajr kunsiderazzjoni tat-tul reali tal-interruzzjoni.
- 67 F'dan il-kuntest, għandu barra minn hekk jiġi enfasizzat li l-ammont tal-imsemmija akkreditazzjoni baqa' mhux mibdul meta mqabbel ma' dak li kien jikkarakterizza s-sistema ta' akkreditazzjoni preċedenti, meqjusa kuntrarja għall-Artikolu 141 KE konsegwentement għas-sentenza Griesmar (EU:C:2001:648). Madankollu, hekk kif ġie rrilevat f'dik is-sentenza, fil-kuntest ta' din is-sistema, l-akkreditazzjoni li kienet fis-seħħ dak iż-żmien kellha għan differenti, jiġifieri li jiġu kkompensati l-iżvantaġġi tal-karriera sostnuti min-nisa minħabba l-fatt li dawn ikunu ddedikaw ruħhom għall-edukazzjoni tat-tfal matul l-iżvolġiment tal-karriera tagħhom.
- 68 Issa, f'dan ir-rigward jista' jiġi osservat li, minkejja li akkreditazzjoni ta' pensjoni ekwivalenti għal sena għal kull wild imrobbi fid-dar hija maħsuba, bla dubju, fid-dawl ta' dan l-aħħar għan, iż-żamma mhux mibdula tal-kobor ta' dan il-vantaġġ fil-kuntest tal-mekkaniżmu inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex eżenti, għall-kuntrarju u hekk kif għadu kif ġie rrilevat, milli tqajjem dubji fir-rigward tal-kapaċità tagħha li ssegwi l-għan imfakkar fil-punt 57 tal-preżenti sentenza.
- 69 It-tieni nett, fir-rigward tar-rekwiżit, imfakkar fil-punt 54 ta' din is-sentenza, relattiv għall-implementazzjoni koerenti u sistematika ta' dan l-aħħar għan, għandu jiġi rrilevat dan li ġej.
- 70 Minn naħa, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 15(3) tad-Digriet Nru 2003-1306, l-akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha wkoll tingħata lill-uffiċjali nisa li jkunu welldu matul is-snin ta' studju tagħhom, qabel l-1 ta' Jannar 2004 u qabel ma jkunu ġew reklutati fis-servizz pubbliku, meta dan ir-reklutaġġ ikun seħħ fi żmien sentejn wara li jkunu kisbu l-lawrja neċessarja sabiex setgħu jipparteċipaw f'kompetizzjoni, mingħajr ma tkun tista' tiġi imposta fuqhom kundizzjoni ta' interruzzjoni tal-attività.
- 71 Issa, sa fejn l-eċċezzjoni hekk introdotta timplika l-għoti ta' akkreditazzjoni lil uffiċjal li ma jkunx interrompa l-karriera tiegħu, u li, għaldaqstant, ma setax isostni l-iżvantaġġi li din l-akkreditazzjoni hija intiża li ttrimedja, tali dispożizzjoni tidher, *a priori*, li hija ta' natura li tista' tippreġudika r-rekwiżit ta' koerenza u ta' sistematizmu msemmi iktar 'il fuq.
- 72 Min-naħa l-oħra, skont is-sistema ta' akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fil-preżenza ta' ċerti tfal, bħal dawk tal-konjuġi, dawk li fir-rigward tagħhom saret delegazzjoni tas-setgħa tal-ġenituri favur persuna li tirċievi l-pensjoni jew favur il-konjuġi tagħha, dawk li jinsabu taħt tutela tal-persuna li tirċievi l-pensjoni jew taħt dik tal-konjuġi tagħha meta t-tutela hija akkumpanjata mill-kustodja effettiva u permanenti tal-wild jew dawk li ġew milqugħa, fid-dar tagħha, mill-persuna li tirċievi l-pensjoni jew mill-konjuġi tagħha, l-għoti tal-akkreditazzjoni kkonċernata jkun suġġett mhux biss għal interruzzjoni tal-attività professjonali ta' xahrejn, iżda wkoll għall-kundizzjoni li dawn it-tfal ikunu trabbew matul mhux inqas minn disa' snin.

- 73 Issa, tali kundizzjoni addizzjonali ma tidhirx li, *a priori*, taqbel iktar mal-għan allegat f'dan il-każ mill-Gvern Franċiż.
- 74 Fl-aħħar nett, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li, f'dan il-każ u hekk kif tfakkar preċedentement, l-adozzjoni tas-sistema ta' akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija l-konsegwenza tan-neċessità li jkun hemm rimedju għan-nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' ugwaljanza fir-remunerazzjoni tas-sistema ta' akkreditazzjoni preċedentement fis-seħħ, li jirriżulta mis-sentenza Griesmar (EU:C:2001:648).
- 75 Billi hija intiża biex tapplika għal-likwidazzjonijiet ta' pensjonijiet li seħħew mit-28 ta' Mejju 2003 u b'teħid inkunsiderazzjoni tat-tfal imwiolda, adottati jew milqugħa fid-dar qabel l-1 ta' Jannar 2004, is-sistema ta' akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għaldaqstant kellha l-għan li tirregola t-tip ta' akkreditazzjonijiet li l-likwidazzjoni tagħhom kienet, sa dak iż-żmien, taqa' taħt dik is-sistema preċedenti.
- 76 Issa, għandu jtfakkar li, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmija sistema preċedenti kienet tikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament sa fejn din kienet teskludi mill-benefiċċju tal-akkreditazzjoni lill-uffiċjali rġiel li kienu kapaċi jagħtu prova li hađu responsabbiltà tal-edukazzjoni tat-tfal tagħhom (sentenza Griesmar, EU:C:2001:648, punt 67).
- 77 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, minkejja li l-modalitajiet ta' għoti tal-akkreditazzjoni previsti bis-sistema inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma intiżi li japplikaw biss għall-pensjonijiet li, essenzjalment, huma suġġetti għal likwidazzjoni wara d-dħul fis-seħħ ta' din is-sistema, xorta jibqa' l-fatt li din tal-aħħar jista' jkun li kellha l-effett li tirtira, għall-futur, lil ċerti uffiċjali rġiel, dritt li huma kienu jisiltu mill-effett dirett tal-Artikolu 141 KE. Issa, għandu jtfakkar li minkejja li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix li Stat Membru jaġixxi b'dan il-mod, dan huwa bil-kundizzjoni, b'mod partikolari, li l-miżuri li huwa jadotta f'dan ir-rigward josservaw il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn l-irġiel u n-nisa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Roks *et*, C-343/92, EU:C:1994:71, punti 29 u 30).
- 78 Madankollu, hekk kif jirriżulta mill-punti 65 sa 73 tal-preżenti sentenza, dan ma jidhirx, bla ħsara għall-evalwazzjonijiet finali li għandhom isiru, f'dan ir-rigward, mill-qrati nazzjonali, li huwa l-każ tas-sistema ta' akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 79 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, hemm lok li r-risposta għat-tieni domanda tkun li l-Artikolu 141 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li, ħlief sabiex tkun tista' tiġi ġġustifikata minn fatturi oġġettivi li ma jkunux relatati ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, bħalma huwa għan leġittimu ta' politika soċjali, u sabiex tkun tista' tiggarrantixxi l-għan invokat u neċessarju għal dan l-iskop, li jirrikjedi li din tkun tirrispondi verament għar-rieda li dan tal-aħħar jintlaħaq u li dan jiġi implementat b'mod koerenti u sistematiku f'dik il-perspettiva, sistema ta' akkreditazzjoni ta' pensjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali toħloq diskriminazzjoni indiretta fil-qasam tar-remunerazzjoni bejn ħaddiema nisa u ħaddiema rġiel kuntrarja għal dan l-artikolu.

#### Fuq l-ewwel domanda

- 80 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 141 KE għandux jiġi interpretat fis-sens li dispożizzjonijiet dwar l-irtirar antiċipat b'għoti immedjat tal-pensjoni, bħalma huma dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, joħolqux diskriminazzjoni indiretta fil-qasam tar-remunerazzjoni bejn ħaddiema nisa u ħaddiema rġiel kuntrarja għal dan l-artikolu.
- 81 Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikoli L. 24 u R. 37 tal-Kodiċi dwar il-pensjonijiet, li jikkonċernaw l-irtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni, ġew, bħal dawk li jikkarakterizzaw is-sistema ta' akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, adottati sabiex jittieħed kont tat-tagħlim li jirriżulta mis-sentenza Griesmar (EU:C:2001:648).

- 82 Dawn l-artikoli jissuġġettaw id-dritt, għal uffiċjal, ġenitur ta' tlett itfal jew ta' wild ta' iktar minn sena li għandu invalidità pari jew superjuri għal 80 %, li jibbenefika minn tali rtirar antiċipat, għall-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata tkun tista' tiġġustifika, għal kull wild, interruzzjoni tal-attività ta' tul kontinwu ta' mill-inqas xahrejn li seħħet fil-kuntest ta' leave tal-maternità, leave tal-paternità, leave ta' adożzjoni, leave parentali jew leave ta' preżenza parentali jew ta' disponibbiltà għat-trobbija ta' wild ta' inqas minn tmien snin. F'każ ta' twelid jew ta' adożzjonijiet simultanji, it-tul ta' interruzzjoni tal-attività meħud inkunsiderazzjoni għall-ulied kollha kkonċernati huwa wkoll ta' xahrejn.
- 83 Fir-rigward tat-tfal bijoloġiċi jew adottati, l-imsemmija interruzzjoni għandha tkun seħħet matul il-perijodu ta' bejn l-ewwel jum tar-raba' ġimgħa qabel it-twelid jew l-adożzjoni u l-aħħar jum tas-sittax-il ġimgħa wara t-twelid jew l-adożzjoni.
- 84 F'dak li jikkonċerna t-tfal li ttieħdet responsabbiltà tagħhom, id-dispożizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq jipprevedu li dawn għandhom ikunu trabbew matul disa' snin mill-uffiċjal ikkonċernat u li l-interruzzjoni tal-attività għandha tkun seħħet jew qabel għeluq is-sittax-il sena tagħhom, jew qabel l-età fejn huma waqfu jkun dependenti.
- 85 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta wkoll li huma inklużi fl-interruzzjoni tal-attività l-perijodi li ma tawx lok għal kontribuzzjoni mill-persuna kkonċernata u li matulhom din ma eżerċitat ebda attività professjonali.
- 86 Issa, għal raġunijiet *mutatis mutandis* identiċi għal dawk esposti fil-punti 43 sa 49 tal-preżenti sentenza, għandu qabelxejn jiġi kkonstatat li, minkejja li tali dispożizzjonijiet għandhom apparenza ta' newtralità f'dak li jikkonċerna s-sess tal-uffiċjali kkonċernati, il-modalitajiet li għalihom dawn jissuġġettaw l-ġhoti tal-vantaġġ inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma, f'dan il-każ, ta' natura li jwasslu sabiex perċentwali ħafna oġhla ta' nisa milli ta' irġiel jibbenefikaw minnu.
- 87 F'dawn il-kundizzjonijiet għandu, sussegwentement, jiġi vverifikat, b'mod konformi mal-prinċipji tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 52 sa 55 tal-preżenti sentenza, jekk id-differenza fit-trattament bejn il-ħaddiema nisa u l-ħaddiema rġiel maħluqa b'dan il-mod tistax madankollu tiġi ġġustifikata minn fatturi oġġettivi li ma jkunux relatati ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess.
- 88 F'dan ir-rigward, il-Gvern Franċiż sostna, fl-osservazzjonijiet tiegħu, li d-dispożizzjonijiet nazzjonali kkonċernati għandhom skop identiku għal dak tal-akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri li jiġu kkompensati l-iżvantaġġi tal-karriera li jirriżultaw mill-interruzzjoni tal-attività professjonali minħabba t-twelid, il-wasla fid-dar jew l-edukazzjoni tal-ulied.
- 89 Hekk kif tfakkar fil-punt 56 tal-preżenti sentenza, hija l-qorti nazzjonali li għandha, fl-aħħar lok, tivverifika, fid-dawl tal-elementi kollha rilevanti, jekk, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-modalitajiet li jikkarakterizzawha, is-sistema ta' rtirar antiċipat bl-ġhoti immedjat tal-pensjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bħala mezz intiż li jilħaq dan l-għan, hijiex kapaċi tikkontribwixxi għat-twettiq ta' dan tal-aħħar u jekk din tirrispondix verament għar-rieda li jintlaħaq u hijiex implementata b'mod koerenti u sistematiku fid-dawl ta' dan l-għan. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha madankollu ġurisdizzjoni li tagħti lill-imsemmija qorti indikazzjonijiet ta' natura li jippermettulha tasal għal deċiżjoni.
- 90 Issa, fir-rigward, b'mod partikolari, tar-rieda reali li jintlaħaq l-għan allegat f'dan il-każ u r-rekwiżit ta' koerenza u ta' sistematizmu f'dik il-perspettiva, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li *a priori* ma jidherx li l-fatt li jiġu aċċettati uffiċjali, b'mod antiċipat, għall-irtirar bl-ġhoti immedjat tal-pensjoni jista' jkun ta' natura li jikkompensa għall-iżvantaġġi tal-karriera li jirriżultaw minn interruzzjoni tripla tal-attività professjonali ta' xahrejn minħabba t-twelid, il-wasla fid-dar jew l-edukazzjoni tat-tfal, jew minn interruzzjoni waħdanija tal-karriera ta' xahrejn minħabba t-twelid jew il-wasla fid-dar ta' wild b'invalidità superjuri għal 80 %. Il-Gvern Franċiż lanqas ma stabbilixxa sa fejn dan il-fatt jista' jkun ta' natura li jikkompensa għal dawn l-iżvantaġġi tal-karriera.

- 91 Sussegwentement, għandu jiġi rrilevat li diversi elementi li jikkarakterizzaw il-vantaġġ inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jidhrux, *a priori*, li jistgħu jiġu ġġustifikati b'mod koerenti fir-rigward tal-għan ta' kumpens għall-imsemmija żvantaġġi hekk allegati.
- 92 Dan huwa minnu, l-ewwel nett u hekk kif diġà ġie rrilevat f'dak li jikkonċerna l-akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali fil-punti 72 u 73 tal-preżenti sentenza, għall-fatt li, fil-preżenza ta' ċerti tfal, il-benefiċċju tal-irtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni huwa suġġett mhux biss għal interruzzjoni tal-attività professjonali ta' xahrejn, iżda wkoll għall-kundizzjoni addizzjonali li dawn it-tfal ikunu trabbew matul tal-inqas disa' snin mill-uffiċjal ikkonċernat.
- 93 Dan huwa wkoll il-każ, it-tieni nett, għall-fatt li l-vantaġġ inkwistjoni fil-kawża prinċipali mogħti lill-uffiċjali mingħajr distinzjoni, skont jekk dawn ikunux interrompew il-karriera tagħhom fuq tliet perijodi ta' xahrejn għal tliet ulied distinti jew fuq perijodu uniku ta' xahrejn għal wild b'invalidità pari jew superjuri għal 80%. Fil-fatt, *a priori* ma jidhirx li l-iżvantaġġi tal-karriera li jirriżultaw minn interruzzjoni tal-karriera ta' xahrejn u li l-imsemmi vantaġġ allegatament huwa intiż biex jikkumpensa huma differenti, skont jekk il-wild imwieled jew adottat għandux diżabbiltà jew le.
- 94 L-istess japplika, it-tielet nett, għall-fatt li skontu jidher li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali li, fil-każ ta' twelid jew ta' adozzjonijiet simultani, l-uniku perijodu ta' xahrejn ta' interruzzjoni tal-karriera li rriżulta minnhom huwa magħdud daqstant drabi daqs kemm hemm ulied ikkonċernati. Issa, *a priori* ma jidhirx li l-iżvantaġġi tal-karriera intiżi li jirriżultaw minn interruzzjoni tal-karriera ta' xahrejn u li dan il-vantaġġ huwa intiż li jikkumpensa huma differenti skont jekk din l-interruzzjoni seħħitx minħabba twelid jew adozzjonijiet waħdanin jew multipli.
- 95 Ir-raba' nett, tkun il-qorti tar-rinviju li jkollha teżamina jekk, skont il-portata eżatta tagħhom, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu L. 24, I(3), u l-Artikolu R. 37, III, tal-Kodiċi dwar il-pensjonijiet, li jipprevedu li l-benefiċċju tal-vantaġġ inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jingħata b'kunsiderazzjoni tal-perijodi li matulhom il-persuna kkonċernata ma kienet qiegħda teżerċita ebda attività professjonali, humiex, possibbilment, anki ta' natura li jippreġudikaw ir-rekwiżit ta' koerenza msemmi iktar 'il fuq.
- 96 Wieheh għandu jżid li, fl-eżami li hija għaldaqstant hija mitluba tagħmel sabiex tiżgura li s-sistema inkwistjoni fil-kawża prinċipali tirrispondi verament għar-rieda li jintlaħaq l-għan allegat u li din tiġi implementata b'mod koerenti u sistematiku fir-rigward ta' dan tal-aħħar, din il-qorti tista' tenħtieġ ukoll li tieħu inkunsiderazzjoni relazzjonijiet possibbli bejn is-sistema ta' rtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali u l-mekkaniżmu nazzjonali preċedenti, li ġiet sussegwentement għalih u li dwaru l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex informazzjoni suffiċjenti. F'dan ir-rigward, l-imsemmija qorti nazzjonali tkun tista', b'mod partikolari, titwassal sabiex tivverifika sa fejn tali relazzjonijiet jistgħu, bħalma ġie rrilevat fil-preżenti sentenza dwar is-sistema ta' akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jeżerċitaw influwenza fuq dan l-eżami.
- 97 Fil-kawża preżenti, u b'teħid inkunsiderazzjoni ta' dak li tfakkar fil-punt 81 tal-preżenti sentenza, għandu jiġi rrilevat, fl-aħħar nett, li l-kunsiderazzjonijiet magħmula, fir-rigward tal-imsemmija sistema ta' akkreditazzjoni, fil-punti 74 sa 78 ta' din is-sentenza, jistgħu, possibbilment, ukoll japplikaw, *mutatis mutandis*, f'dak li jikkonċerna s-sistema ta' rtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 98 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 141 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li, ħlief sabiex tkun tista' tiġi ġġustifikata minn fatturi oġġettivi li ma jkunux relatati ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, bħalma huwa għan leġittimu ta' politika soċjali, u sabiex tkun tista' tiggarrantixxi l-għan invokat u neċessarju għal dan l-iskop, li jirrikjedi li din tkun tirrispondi verament għar-rieda li dan tal-aħħar jintlaħaq u li dan jiġi implementat b'mod koerenti u sistematiku f'dik il-perspettiva, sistema ta' rtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, toħloq diskriminazzjoni indiretta fil-qasam tar-remunerazzjoni bejn ħaddiema nisa u ħaddiema rġiel kuntrarja għal dan l-artikolu.

## Fuq it-tielet domanda

- 99 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-diskriminazzjonijiet indiretti li ġew, possibbilment, identifikati fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel u t-tieni domandi jistgħux jiġu ġġustifikati skont l-Artikolu 141(4) KE.
- 100 Din l-aħħar dispożizzjoni tipprovdi li, sabiex tiġi żgurata b'mod konkret ugwajjanza sħiħa bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol, il-prinċipju ta' ugwajjanza fit-trattament ma għandux ifixkel lil Stat Membru milli jżomm jew jadotta miżuri li jipprovdu għal vantaġġi speċifiċi intiżi li jiffaċilitaw l-eżerċizzju ta' attività professjonali mis-sess li jkun inqas rappreżentat jew sabiex issir prevenzjoni jew jiġu kkompensati żvantaġġi fil-karriera professjonali.
- 101 F'dan il-każ, huwa biżżejjed li jifakkar, f'dan ir-rigward, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li miżura bħall-akkreditazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tikkostitwixxix miżura kkunsidrata minn din id-dispożizzjoni tat-Trattat KE, peress li kulma din tagħmel huwa li tagħti lill-uffiċjali akkreditazzjoni ta' anzjanità fil-mument li huma jirtiraw, mingħajr ma jingħata rimedju għall-problemi li huma jistgħu jiltaqgħu magħhom matul il-karriera professjonali tagħhom, u li hija ma tidhirx li hija ta' natura li tikkompensa għall-iżvantaġġi li għalihom ikunu esposti l-imsemmija ħaddiema billi tingħatalhom għajjnuna f'dik il-karriera u b'hekk tiġi żgurata konkretament ugwajjanza sħiħa bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja professjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Griesmar, EU:C:2001:648, punti 63 sa 65; ara, ukoll, is-sentenzi Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-46/07, EU:C:2008:618, punti 57 u 58; kif ukoll Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-559/07, EU:C:2009:198, punti 66 sa 68).
- 102 L-istess jgħodd għal miżura bħall-irtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni, peress li din il-miżura, li kulma tagħmel huwa li tiffavorixxi tmiem antiċipat tal-karriera professjonali, lanqas ma hija ta' natura li tagħti rimedju għall-problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom l-uffiċjali matul il-karriera professjonali tagħhom billi tgħinhom f'dik il-karriera u lanqas tiżgura, b'hekk, konkretament, ugwajjanza sħiħa bejn l-irġiel u n-nisa fil-ħajja professjonali.
- 103 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 141(4) KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jiformawx parti mill-miżuri msemmija f'din id-dispożizzjoni miżuri nazzjonali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li kulma jagħmlu huwa li jippermettu lill-ħaddiema kkonċernati li jibbenefikaw minn irtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni u li jagħtuhom akkreditazzjoni ta' anzjanità mal-irtirar tagħhom, mingħajr ma jipprovdu rimedju għall-problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom matul il-karriera professjonali tagħhom.

## Fuq l-ispejjeż

- 104 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) **L-Artikolu 141 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li, ħliet sabiex tkun tista' tiġi ġġustifikata minn fatturi oġġettivi li ma jkunux relatati ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, bħalma huwa għan leġittimu ta' politika soċjali, u sabiex tkun tista' tiggarrantixxi l-għan invokat u neċessarju għal dan l-iskop, li jirrikjedi li din tkun tirrispondi verament għar-rieda li dan tal-aħħar jintlaħaq u li dan jiġi implementat b'mod koerenti u sistematiku f'dik il-perspettiva, sistema ta' akkreditazzjoni ta' pensjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali toħloq diskriminazzjoni indiretta fil-qasam tar-remunerazzjoni bejn ħaddiema nisa u ħaddiema rġiel kuntrarja għal dan l-artikolu.**



- 2) L-Artikolu 141 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li, ħlief sabiex tkun tista' tiġi ġġustifikata minn fatturi oġġettivi li ma jkunux relatati ma' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, bħalma huwa għan leġittimu ta' politika soċjali, u sabiex tkun tista' tiggarrantixxi l-għan invokat u neċessarju għal dan l-iskop, li jirrikjedi li din tkun tirrispondi verament għar-rieda li dan tal-aħħar jintlaħaq u li dan jiġi implementat b'mod koerenti u sistematiku f'dik il-perspettiva, sistema ta' rtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, toħloq diskriminazzjoni indiretta fil-qasam tar-remunerazzjoni bejn ħaddiema nisa u ħaddiema rġiel kuntrarja għal dan l-artikolu.
- 3) L-Artikolu 141(4) KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jiformawx parti mill-miżuri msemija f'din id-dispożizzjoni miżuri nazzjonali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li kulma jagħmlu huwa li jippermettu lill-ħaddiema kkonċernati li jibbenefikaw minn irtirar antiċipat bl-għoti immedjat tal-pensjoni u li jagħtuhom akkreditazzjoni ta' anzjanità mal-irtirar tagħhom, mingħajr ma jipprovdu rimedju għall-problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom matul il-karriera professjonali tagħhom.

Firem